MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2007

Numru 553/2007

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Alfred Desira

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Alfred Desira detentur ta' karta' ta' identita' numru 0144365M, akkuzat talli:

a) nhar l-1 ta' Lulju, 2007, ghal habta tas-2:30 ta' fil-ghodu, filwaqt li kien fir-residenza Nru. 3, 'St Rita', Triq San Frangisk, Hal Tarxien, minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja ta' martu Liliana Desira, minn Hal Tarxien, f'perikolu car, ikkagunalha ferita' ta' natura gravi, permezz ta' banketta, kif iccertifika minn Dr Ian Gauci M.D. (Warrant Mediku Nru.: 2486), it-tabib tac-Centru tas-

sahha ta' Rahal Gdid, liema ferita iggibilha mankament jew sfregju fil-wicc u dana bi ksur ta' l-artikoli 216(1)(b), 217 u 222(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Fl-istess data, hin u lok, hebb kontra l-persuna ta' martu Liliana Desira sabiex jingurjaha jew jaghmlilha hsara lill-istess u dana bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fir-residenza matrimonjali, li tinsab fil-fond: Nru. 3, 'St. Rita', Triq San Frangisk, Hal Tarxien, u aktar tard, filwaqt li kien fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid u fil-kustodja tal-Pulizija, qal kliem ta' theddied fil-konfront ta' martu Liliana desira u dana bi ksur ta' l-artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fir-residenza matrimonjali, li tinsab fil-fond: Nru. 3, 'St. Rita', Triq San frangisk, Hal Tarxien, u aktar tard, filwaqt li kien fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, kiser il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika b'ghajjat u glied u dana bi skur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

e) Fl-istess cirkustanzi, filwaqt li kien fir-residenza matrimonjali, li tinsab fil-fond: Nru. 3, 'St. Rita', Triq San Frangisk, Hal Tarxien, u aktar tard, filwaqt li kien fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, qal kliem oxxen, indecenti u dagha bi ksur tal-artikolu 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

f) Fl-istess cirkustanzi, fl-inhawi ta' Hal Tarxien, Rahal Gdid u fi bnadi ohra tal-Gzejjer Maltin, f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinsab fis-sakra, b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu u dana bi ksur tal-artikolu 338(ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

g) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li se tintuzavjolenza kontra taghha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza' u dana bi ksur ta' l-artikolu 251(B) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

h) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'mod li jaghti fastidju lil martu Liliana Desira u b'mod li kien jaf, jew li messu kien jaf li, kien ta fastidju ghall-persuna ta' martu u dana bi ksur ta' l-Artikolu 251(A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa baqa' jinsista fuqha anka wara l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Semghet it-tabib jixhed.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda tat-tabib jirrizulta li l-ferita hi wahda ta' natura hafifa. Ikkwalifika din d-djanjosi tieghu billi qal "dejjem jekk din Desira (l-parti leza) ma tizvilluppax xi sintomi minhabba fiha jew xi komplikazzjonijiet ohra minhabba li l-ferita kienet fir-ras". Tul il-kors tal-kawza din l-asserzzjoni tat-tabib ma gietx kontradetta.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, d-dikjarazzjoni ta' mart l-imputat, il-fatt li l-imputat ghamel xi zmien detenut u wara li rat l-Artikoli 221, 339, 338, 251, 17 tal-Kap 9 tiddeciedi li tpoggih taht ordni ta' supervizzjoni skond l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal tlett snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------